**MINUTI LAQGHA NUMRU 38**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 13 ta' Settembru, 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 13 ta' Awwissu 2021, fl-4:45 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

# 38.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

38.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

# 38.2 Introduzzjoni mal-Arċipriet il-ġdid, WR Dr Edward Xuereb

38.2.1 Għal din il-parti tal-laqgħa kienu mistiedna il-WR Arċipriet Dr Edward Xuereb, il-Viċi WR Michael Said u WR Charles Buttigieg. Bi qbil unanimu fost il-kunsilliera, l-*item* 38.5 mexa għal fuq quddiem nett tal-Aġenda (sar "38.2").

38.2.2 Is-Sindku ta' merħba lill-Arċipriet il-ġdid u lil Dun Michael. Saħaq li l-Kunsill Lokali tal-Qala dejjem ħadem id f'id mal-Parroċċa, u li hi x-xewqa ta' kullħadd li l-istess ser jibqa' jsir fil-futur. Spjega li matul ix-xogħol, wieħed isib minn kollox, jiġifieri ssib min jgħin u ssib ukoll min ma jikkuntenta ruħu b'xejn. Is-Sindku stieden lill-Arċipriet biex, minkejja kollox, iħares dejjem 'il quddiem u ma jħallix min ifixkel il-ħidma tiegħu.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

38.2.3 L-Arċipriet fil-messaġġ tiegħu semma fuq l-importanza tal-għaqda bħala bażi tal-ħidma għal ġid tar-raħal u l-Parroċċa. Stqarr li kemm hu kif ukoll Fr Michael għadhom qed jiffamiljarizzaw mar-realta' tar-raħal tal-Qala. Semma l-importanza tax-xogħol tal-Politiku Lokali, li hu eqreb lejn il-poplu. Għal min mhuwiex involut, il-politika tidher bħala xi ħaġa maħmuġa. Imma minnha mnifisha, qal l-Arċipriet, hija xi ħaġa importanti ferm. Il-kelma "politika" ġejja mill-Greċja antika, fejn kienu jiggvernaw taħt sistema ta' "*city states*" (polis). In-nies liberi setgħu jirrappreżentaw lil xulxin (demos – demokrazija). Il-Kunsill huwa missjoni, u l-Arċipriet għamel enfasi fuq tmexxija ta' valuri insara.

38.2.4.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li kien hemm talba biex tingħalaq il-pjazza għal xi perjodu tul il-weekend; liema talba ġiet ikkunsidrata fil-Kunsill[1] u li kellha tiġi diskussa mal-Parroċċa. Talab lill-Arċipriet għall-opinjoni tiegħu.

38.2.4.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak, Joseph Buttigieg u Karl Buttigieg ilkoll tennew il-pożizzjoni tagħhom favur din it-talba, waqt li s-Sindku Paul Buttigieg għamel l-istess uressaq il-preokkupazzjonijiet tigeħu li ġiegħluh jivvota kontra din it-talba f'laqgħa numru 8.37.

38.2.4.3 Il-WR Charles Buttigieg tkellem dwar kuntesti differenti li jistgħu ikollhom effett fuq Pjazza magħluqa u l-istat kif inhi fil-prezent. Għamel enfasi fuq li l-pjazza tibqa' propjeta' tal-knisja, kif ukoll fuq il-ħtieġa ta' riżorsi umani biex tiġi żgurata li inizjattiva bħal din tkun tista' ssir waqt li toffri ambjent sigur kemm lil min ikun fil-pjazza kif ukoll biex it-traffiku tal-vetturi jibqa' għaddejj mingħajr konġestjoni. Il-WR Michael Said issuġġerixxa li jkun għaqli jibda jaħseb għal parkeġġ alternattiv.

38.2.4.4 Peress li l-Arċipriet u l-WR Said għadhom kemm bdew fil-Parroċċa tal-Qala, intlaħaq qbil li dan is-suġġett ser ikun qed jerġa' jiġi diskuss fil-futur bejn iż-żewġ pertijiet.

## 38.3 Preparazzjoni għall-Konferenza f'Yeri (EUISM)

38.3.1 Għal din il-parti tal-laqgħa kien mistieden is-Sur Paul Fenech. Intlaħaq qbil unanimu biex dan l-*item* 38.6 jimxi 'l quddiem fl-aġenda (sar 38.3).

38.3.2 Is-Sur Paul Fenech tkellem dwar il-ħtieġa li l-laqgħa ta' Yeri tkun kemm jista' jkun ippreparata tajjeb. Radd ħajr lis-sur Marios Saavas li min-naħa taċ-Ċiprijotti qed jaħdem ħafna lejn is-suċċess ta' din il-conferenza.

38.6.3 Is-Sur Paul Fenech qal li l-Viċi Sindku Ivan Cefai ser ikun responsabbli flimkien mas-Sindku li jrid jassigura li l-kontinġjent Malti jkun konformi mar-rekwiżiti tal-

[1] Vide minuti laqgħa 8.37



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

awtoritajiet tas-saħħa. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ser ikun qiegħed jieħu ħsieb l-aspett kulturali waqt li l-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak hi inkarigata mir-rigali lid-delegazzjonijiet. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jikkomunika mas-Sur Angelo Ciocchetti biex ningħataw numru finali ta' kemm delegazzjonijiet ser ikunu qed jieħdu sehem, halli nippreparaw għar-rigali.

38.3.4 Is-Sur Paul Fenech qal li l-booking tal-lukandi ta' qabel il-konferenza għadu pendenti. Dan ser isiru mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsilliera ikunu jridu jħalsu sehmom lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

38.3.5 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li ordna 20 *face mask* sewda bil-logo tal-Kunsill biex kull parteċipant f'din il-konferenza jkollu żewġ maskli għal waqt l-attivitajiet uffuċċjali.

38.3.6 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ser ikun qed jieħu ħsieb l-istampar tal-*magazine* u video. Qabel din il-laqgħa kien intlaħaq qbil bejn il-kunsilliera[2] permezz ta' email biex għall-istampar ta' dan il-magazine immorru għal A&M.

38.3.7 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jagħmel *scanning* tal-magazine li kien sar għall-konferenza tal-Montenegro u jgħaddiha lis-Sinjuri Paul Fenech u Marios Saavas.

38.3.8 Is-Sur Paul Fenech qara l-aħħar verżjoni tal-programm li kellu f'idejh. Il-Kunsill qabel miegħu.

## 38.4 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

38.4.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li para 37.11.13 jissemma li kien hu li ppropona li nagħmlu applikazzjoni għal van tal-komunità.

38.4.2 Il-Kunsillira Valerie Cassar Mejlak tablet li jiżdied paragrafu fis-sessjoni tal-Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera, kif segwenti: "Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li jsir belvedere żgħir fi Triq il-Barbaġan, fejn hemm l-iskips."

38.4.3 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab biex f'paragrafu 37.4.2.2 titneħħa l-frażi "Għaqda Volontarja" u minflok tinkiteb "Għaqda tal-Parroċċa".

38.4.4 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li jitranġa il-paragrafu 37.4.13, u jinbidel biex isir jinqara kif segwenti:

---

[2] Biex jiġi evitat kull riskju ta' kunflitt ta' interess, u in vista tal-paerntela tiegħu mas-sidien tal-istamperija A&M, is-Sindku ma ħax sehem f'din il-korrispondenza elettronika u l-eventwali deċiżjoni.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

"Il-Viċi Sindku Ivan Cefai semma li bħala Kunsill konna mistednin fuq ir-radju tal-Qala għal 4 programmi. Waqt il-laqgħa semma recording li fiħ is-Sindku kien qed jinstema' jgħid li ma jsibx kooperazzjoni mingħand kulħadd, iżda jaħdem sew ma Karl u Valerie. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai għadda lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv *transcript* tas-silta li ssemmgħet u *recording* tagħha fuq CD. It-*transcript* u *recording* qed jiġu inklużi ma dawn il-minuti bħala "**Appendiċi 1**" u "**Appendiċi 2**" rispettivament. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li jħossu iddispjacut u rrabjat għal dak li ntqal fil-programm. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li b'dawn l-istqarrijiet ta' bsaten fir-roti is-Sindku ta x'tifhem li hu (il-Viċi Sindku) qed jagħmel bsaten fir-roti. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ċaħad dan kollu u qal li lanqas illum, aħseb w'ara. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab lis-Sindku jindikalu fejn qed jonqsu. Is-Sindku wieġbu li meta tkellem ma familja, li Viċi Sindku kien mar għandhom, qalulu li (l-Viċi Sindku) qal li Paul ma jaħdem xejn sew ma Marcia, is-Segretarja Eżekuttiva. Il-Viċi Sindku wieġeb "mhux ovvja, minħabba fik Marcia ħarġet għal kważi sena sħiha b'unpaid leave. Dawn jammontaw għal eluf ta' Ewro minn ħalq il-familja. Dan kollu ġara wara ħafna episodji oħra fosthom meta ressaqt 6 akkużi kontra tagħha lid-dipartiment tal-Kunsill u rebietom it-tnejn għax ġiet ħielsa minn kull akkuza, ħaġa li qatt ma ġrat f'25 sena lill-ebda Segretarju Eżekuttiv f'Malta u Għawdex. Is-Sindku qal jħalli dan għan-nies biex jiddeċieduħ huma min qed jgħid il-verità. Il-Viċi Sindku Ivan Cefai qal li l-id tal-ħbiberija ingħatat waqt il-kampanja elettorali billi il-probabilita' kienet li bejn il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Joseph Buttigieg u s-Sindku xi ħadd minnhom ser ikun elett Sindku, flimkien inqabel li jitla min jitla' l-importanti li naħdmu flimkien. Il-Kunsillier Joseph Buttigieg ikkonferma li dan hu minnu. Għalhekk l-id tal-ħbiberija ma tridx tkun waqt il-Kunsill biss, u li skond il-Viċi Sindku dan l-aġir tas-Sindku hu att irresponsabbli ħafna."

38.4.5 Wara diskussjoni, dawn it-tibdiliet ġew approvati mill-Kunsill Lokali. Għalhekk il-minuti ta' laqgħa numru 37 issa huma magħluqa.

## 38.5 Komunikazzjoni tas-Sindku

38.5.1 Is-Sindku semma li ġie avviċinat minn diversi nies li talbuh biex iż-żewġ swimmer zones ta' Hondoq u ta' Bumbarin jingħaqdu ma xulxin u jsiru ħaġa waħda. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

38.5.2 Is-Sindku pprżenta numru ta' Samples ta' basktijiet tal-canvas biex jitqassmu fir-residenzi tal-Qala. Il-Kunsilliera qablu li jintgħażel il-mudell "beto" tal-kumpannija Playcraft, li jiswew EUR2.50 + VAT u li jinkludi printing full colour (one side).

38.5.3 Is-Sindku qal li diversi persuni li talbuh li Triq il-Kunċizzjoni tiġi one way 'l isfel; u Triq il-Forn issir one way 'il fuq. Trakkijiet ma jkunux jistgħu jgħaddu minn Triq il-Forn (except to render a service). Intlaħaq qbil biex TM jiġu avviċinati biex jida dan il-proċess.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

38.5.4 Is-Sindku informa li l-Water Services Corporation talbu li ssir *Borehole* fi Ġnien il-Familja biex ikun jista' jista' jiġi mmonitorat il-livell salinità fil-water table fl-area tal-Qala. Il-Kunsill unanimament qabel ma dan.

38.5.5 Is-Sindku qal li kien hemm problema fuq il-WIFI4EU, għaliex rieduna nħallsu l-internet u d-dawl. Issa jidher li ntlaħaq qbil mal-Ministeru biex jiġi kopert l-ispiża tal-internet. Bħala dawl qed jiġi msemmi li jiġu avviċinati residenti li jaċċettaw li jitwaħħal sub meter u l-Kunsill iħallas tal-konsum tad-dawl. Ġie msemmi li s-servizz ta' Internet mhux qed jaħdem fil-bajja ta' Hondoq. Is-Sindku ser ikun qed iċempel lis-supplier dwar dan.

38.5.6 Is-Sindku għarraf li ġie mitlub permess biex jsir iffilmjar ta' xena 2 minuti f' ta' Bumbarin. Din il-kumpannija ingħatat il-permess bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm xeni ta' nudita' u li jkunu konformi mal-liġijiet u direttivi maħruġa mill-awtoritajiet.

38.5.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu mar Leni biex jiddiskuti l-possibilita' li jerġa jitqajjem il-ġemellaġġ antik li hemm bejn iż-żewġ lokalitajiet. In-nies ta' Leni laqgħuwhom u dawwruwom għal ġimgħa sħiħa. Is-Sindku semma kif dawn huma nies ospitali ħafna. Għad ma hemmx dati fuq meta il-Kunsilli ta' Leni u tal-Qala ser iżuru l-lokalitajiet rispettivi. Bħala indikazzjoni qed jintqal li l-Kunsill ta' Leni jżur il-Qala bejn il-Milied u l-ewwel tas-Sena li ġejjin; waqt li l-Kunsill tal-Qala aktarx iżur Leni għal Ottubru 2022. Intlaħaq qbil li meta naslu l-airport tagħhom jieħdu ħsieb kollox huma, u viċi versa. Malli jtuna dati l-Kunsill tal-Qala ser ikun qiegħed jipprova jibbukkja l-ITS. Il-Kunsill qabel ma dan.

38.5.8 Is-Sindku qal li jeħtieġ nibdew naħsbu dwar l-attivitajiet f'Dicembru. Intlaħaq qbil li jiġu organizzati l-istess attivitajiet bħas-sena l-oħra. Jingħataw kotba lit-Tfal. Issir attivita' fejn Father Christmas idur madwar ir-Raħal, il-Kunsill qabel li jitqabbad Charlie Muscat. Il-Christmas Trees jerġħu isiru; waqt li nibdew naħdmu fuq id-dawl fit-toroq ewlenin. Trid tinġieb stima għar-rivista "Leħen il-Kunsill". Il-Kunsill qabel ma dan.

38.5.9 Is-Sindku semma wkoll l-attivita' tal-għoti ta' Ġieħ il-Qala. Ġie propost li s-Sa Josette Buttigieg, u l-Familja Rapa li jieħdu ħsieb is-Santwarju tal-Immakulata Kunċizzjoni. Intlaħaq qbil mill-Kunsill lokali dwar dan. Ġie ssuggerit li l-attivita' ssir fil-Kunċizzjoni stess qabel il-festa tal-Kunċizzjoni.

38.5.10 Is-Sindku informa li l-EPRT irrifjuta t-talba biex jieqaf ix-xogħol fuq il-Proġett ta' Kassja qabel ma jsir smigħ tal-appell. Dan ifisser li ix-xogħol jista' jibda anke jekk hemm appell li għadu pendent. Is-Sindku ċaħad, u qal li hija gidba ix-xniegħa li qiegħda tintqal li hu ingħata xi flus biex jibqa' sieket.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 38.6 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera

38.6.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet dwar kienx hemm żviluppi dwar il-*parking space* tal-kumpannija GoTo. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa li kien bagħat email lill-GoTo għal nofs Awwissu li fiha talab li tittieħed azzjoni fi żmien 10 ijiet. Il-Kumpannija GoTo baqgħet ma wieġbitx. Il-Kunsill għalhekk iddeċieda, anke in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-Kumpannija GoTo, li jiżboh b'żebgża sewda il-kaxxa li għandhom il-GoTo fi Pjazza l-Isqof M Buttigieg.

38.6.2 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak staqsiet kienx hemm sviluppi fir-rigward tal-problema tal-ilma li hemm fl-isqaqien fi Triq il-Wardija. Ser tkun qiegħda tintbgħat site plan lill-Water Services Corporation għal dan ir-rigward.

38.6.3 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak tablet biex, fir-rigward tal-laqgħa li kien hemm bejn il-Kunsill u l-Ministru għal Għawdex fejn il-Ministru offra xi madum tal-Mużajk lill-Kunsill, biex dan il-mużajk ikun jista' jinġabar. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jara fejn jinsab maħżun dan il-mużajk u jara li dan jgħaddi f'idejn il-Kunsill.

## 38.7 Korrispondenzi

38.7.1 Ġiet trattata ittra mill-Ministeru għal Għawdex, fejn qiegħed joffri ji jagħmel xogħol ta' tiġdid fil-grawnd tal-Qala għall-valur ta' €250,000. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 38.8 Materji oħrajn u Mozzjonijiet

38.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li giet mibgħuta avviż ta' sospensjoni tal-provvista tad-dawl u ilma fi Ġnien il-Familja minħabba li l-kont kien baqa ma tħallasx. Ġie maqbul li kellu jsir il-ħlas mitlub, u li imbgħad jibdew il-passi biex jiġu rkuprati l-flejjes dovuti mingħand min kellu l-kera tal-bar fl-istess post.

38.8.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-iskeda ta' Pagamenti numru 09/2021. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn il-ħlasijiet.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

## 38.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

36.13.1 Il-laqgħa ġiet sospiża fit-7:52pm ta' filgħaxija peress li nqabżu it-3 siegħat preskritti mil-liġi. Intlaħaq qbil li fuq *tentative date* għal laqgħa titkompla nhar L-Erbgħa, 6 ta' Ottubru 2021 fl-4:30 ta' filgħaxija.

(iffirmat)

Paul Buttigieg
Sindku

(iffirmat)

Lorne Cremona
Aġent Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt